# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 23ta' Novembru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 28/1996G1(PC)

**George Borg u martu Maria Assunta Borg .**

**vs**

**Joseph Borg u martu Patricia Borg .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi bi skrittura tat-12 ta' Settembru 1994, il-konvenuti bieghu lill-atturi lanca maghrufa bl-isem "Madonna ta' Pinu" u registrata bl-ittri "MF" numru tnejn u ghoxrin (MF22) bil-prezz ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000), inkluz fil-bejgh il-permessi u licenzji relattivi, l-attrezzi tas-sajd, magni u affini – *Dokumenti A u B;***

**Illi fost l-attrezzi tas-sajd kien hemm mitejn u tlieta u sittin (Lm263) cima tal-bahar u kaxxa hajt tan-nylon li baqghu ma gewx ikkonsenjati mill-konvenuti lill-atturi kif ukoll fost l-affini kienu hemm dghajsa zghira u cioe' *tender boat* li kienet saret apposta biex tintuza bhala mezz tat-trasport minn fuq il-moll ghall-post fejn il-lanca tinzamm irmiggjata fil-bahar ;**

**Illi nonostante l-fatt li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex jikkonsenjaw lill-atturi c-cimi u l-hajt tan-nylon kif ukoll it-*tender boat* huma baqghu inadempjenti ;**

**Illi ricentement u cioe' f'Ottubru 1995 il-konvenuti bieghhu l-imsemmija cimi tal-bahar lill-ahwa John u Nazzareno Mercieca minn San Lawrenz, Ghawdex, ghall-prezz ta' tliet mija u tmienja u ghoxrin lira maltin u hamsa u sebghin centesimi (Lm328.75) li sussegwentement il-flus gew iddepozitati ghand l-avukat Dottor Anton Refalo – *Dokument C ;***

**Ukoll li l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw illi jhallsu lill-atturi r-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-imsemmija cimi .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara illi nkluz fil-bejgh tal-lanca hemm ukoll il-mitejn u tlieta u sittin (263) cima tal-bahar, il-kaxxa bil-hajt tan-nylon u t-*tender boat ;***

2. **Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jikkonsenjaw lill-atturi fi zmien li jigi prefiss minn din il-Qorti, mitejn u tlieta u sittin (263) cima tal-bahar jew ir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tac-cimi li gew mibjugha mill-konvenuti lill-ahwa John u Nazzareno Mercieca, kif ukoll il-kaxxa bil-hajt tan-nylon u t-*tender boat ;***

3. **Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jzommu mill-bilanc tal-prezz fis-somma ta' erbat elef lira maltin (Lm4,000) li ghad iridu jithallsu lill-konvenuti ai termini tal-ftehim fuq imsemmi, il-prezz ta' kemm jiswew l-oggetti msemmija li ma gewx ikkonsenjati u li l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jikkonsenjawhom lill-atturi, jew il-valur taghhom li jigi stmat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti anke bl-opera ta' perit nominand .**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 1995 u tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Dicembru, 1995 u tal-mandat ta' sekwestru numru 785/1995 spedit kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin .**

**Rat id-Dikjarazjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' George Borg .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :**

1. **Illi t-talba tal-atturi ghall-konsenja tat-*tender boat* hija totalment ingustifikata fid-dritt u fil-fatt, peress illi din it-tender boat ma kienetx inkluza fil-bejgh effettwat mill-konvenuti lill-atturi stante illi ma kienetx inkluza fil-ftehim raggunt bejn il-partijiet, u lanqas ma tista' tigi kwalifikata bhala "affini" ghall-lanca mibjugha lilhom ;**

2. **Illi l-esponenti dejjem ammettew illi l-mitejn u tlieta usittin (263) cima tal-bahar, kif ukoll il-kaxxa hajt tan-nylon kienu nkluzi fil-bejgh de quo, u infatti wara li dawn l-oggetti kienu inbieghu lil terzi persuni, l-esponenti offrew is-somma rikavata, ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm327.75c) lill-atturi sia permezz tal-avukat Dottor Anton Refalo kif ukoll permezz tal-ittra bonarja tad-19 ta' Dicembru 1995; u ghal hekk l-ispejjez relattivi ghal din il-parti mit-talbiet tal-atturi ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-kontro-talba tal-konvenuti, fejn wara li ppremettew :**

1. **Illi wara l-bejgh tal-lanca lill-atturi, dawn impussessew ruhom mic-cavetta tal-garage fejn kienet mizmuma l-lanca mibjugha lilhom ;**

2. **Illi minn hemm l-atturi hadu diversi oggetti proprjeta' tal-konvenuti illi ma kienux inkluzi fil-bejgh tal-lanca, u ezattament magna qadima, zewg**

**skrejjen, projector, liema oggetti ghalhekk l-istess atturi gie illi haduhom abbuzivament u minghajr ebda titolu ;**

**3. Illi l-atturi qeghdin jirrifjutaw illi jirritornaw dawn l-oggetti lura minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan is-sens minghand il-konvenuti.**

**Talbu lill-atturi jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

**1. Tiddikjara illi huma ma kellhom ebda dritt illi jiehdu l-magna, zewg skrejjen u projector illi huma proprjeta' tal-konvenuti ;**

**2. Tikkundannahom jirritornaw dawn l-oggetti lill-atturi ;**

**3. Fin-nuqqas tiffissa l-valur gust u reali ta' dawn l-oggetti, okkorrendo ad opera ta' perit nominand, u tikkundannahom ihallsu lill-atturi dan il-valur gust u reali ta' dawn l-oggetti kif hekk stabbilit .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ingunti .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti, kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Borg .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal din il-kontro-talba fejn eccepew :**

**1. Illi kuntrarjament ghal dak li qeghdin jikkontendu l-konvenuti, l-atturi inghataw c-cavetta tal-boathouse biex proprju jiehdu minn hemm l-attrezzi tal-bahar, il-magni u affini ohra tal-lanca li kienu gew mibjugha flimkien mal-lanca lill-eccipjenti u dan sar bil-piena konoxxenza u l-kunsens tas-sid u cioe' tal-konvenuti ;**

**2. Illi l-magna li l-konvenuti qeghdin jikkontendu li hadulhom l-atturi kienet inkluza fil-bejgh tal-lanca kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-provi u l-kuntratt tal-bejgh jispecifika espressament illi inkluz fil-bejgh hemm ukoll "il-magna" ;**

**3. Illi hija totalment infondata u nveritiera l-premessa tal-konvenuti li l-eccipjenti hadulhom l-iskrejjen u l-projector ;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet .**

**Rat il-verbali tax-xhieda prodotti .**

**Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .**

**Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tac-citazzjoni taghhom l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jikkonsenjawlhom diversi oggetti li huma jikkontendu li kienu komprizi fil-bejgh tal-lanca u attrezzi tas-sajd li kien sar lilhom permezz ta' skrittura tat-12 ta' Settembru 1994 (Dok. A) . Fil-fatt jispecifikaw illi dawn l-oggetti kienu :**

**(i) tender boat,**

**(ii) mitejn tlieta u sittin (263) cima tal-bahar; u**

**(iii) hajt tan-nylon li jintuza ghas-sajd tal-hut .**

**Fil-kontro-citazzjoni taghhom il-konvenuti jitolbu li l-atturi jigu ordnati jirrifondu xi affarijiet li allegatament ittiehdu mill-atturi mill-garage tal-konvenuti fix-Xlendi minghajr il-kunsens taghhom, u cioe :**

**(i) magna qadima ;**

**(ii) zewg skrejjen ; u**

**(iii) projector .**

**Rigward ic-cimi, irrizulta li illi dawn inbieghu mill-konvenuti lil terzi, peress illi xtaqu jizbarazzaw il-garage taghhom, wara li bieghu il-lanca lill-atturi u ma riedux jibqghu jistennew stagun iehor tas-sajd kif kien talabhom l-attur . Infatti l-kumpraturi minhabba dan id-disgwid bejn il-kontendenti u bi qbil maghhom, iddepozitaw l-prezz taghhom u cioe' s-somma ta' tliet mija tmienja u ghoxrin lira maltija u hamsa u sebghin centemzu (Lm328.75) (Dok. C) ma' l-avukat Dottor Anton Refalo . Dawn il-flus pero' baqghu qatt ma ngabru mill-atturi minhabba l-kwistjonijiet l-ohra li kien ghad baqa' bejn il-kontendenti . Ma rrizultax madankollu li l-konvenuti qatt riedu jcahhdu lill-atturi minn dawn il-flus, gialadarba ma setghux aktar jaghtuhom ic-cimi . Ghalhekk, filwaqt illi ndubbjament l-atturi ghandhom kull dritt ghar-rimbors tal-prezz tac-cimi mibjugha mill-konvenuti, ma jidher li seta' kellhom ebda raguni valida ghaliex baqghu ma gabruhomx minghand l-avukat Refalo .**

**Il-habel tan-nylon il-konvenut isostni li kien ingabar mill-attur, flimkien ma' l-oggetti l-ohra li jippretendi li ttiehdulu mill-attur meta battallu l-garage . Din l-allegazzjoni ma giet kontradetta bl-ebda mod mill-attur, li da parti tieghu baqa' ma gab ebda prova sabiex jissostanzja l-pretensjoni tieghu f'dan ir-rigward .**

**L-atturi jammettu illi hadu l-magna msemmija mill-konvenuti fil-kontro-talba taghhom . Infatti huma jinsistu illi kienu ntitolati ghaliha billi fl-iskrittura tal-bejgh in kwistjoni, kienu semmew "il-magni" . Irrizulta pero' illi din il-magna tad-ditta "Perkins" ma kellha x'taqsam xejn mal-lanca mibjugha lill-atturi . Infatti kienet magna qadima ta' kajjik li f'xi zmien kellhom il-konvenuti . Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konvenuti li din il-magna qatt ma setghet titqies bhala "affini" tal-lanca mibjugha, kif jippretendu l-atturi . Il-konvenuti huma ghalhekk intitolati ghar-rifuzjoni taghha .**

**Dwar iz-zewg skrejjen msemmija wkoll fil-kontro-talba, ma ssemma xejn fil-gbir tal-provi . L-atturi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom ghal din il-kontro-talba cahdu li hadu xi skrejjen mill-garage ta' l-atturi . In vista wkoll tal-fatt illi rrizulta ampjament illi diversi sajjieda li kienu jbahhru mal-konvenut, kellhom access liberu ghal dan il-garage, il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta illi dawn ittiehdu mill-atturi .**

**L-istess dwar il-projector msemmija wkoll fil-kontro-talba tal-konvenuti . Ix-xhieda tal-konvenut stess dwar dan l-oggett kienet nebuluza wisq u xejn konvincenti . Di piu', ghall-istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti, ma jistax jinghad fic-cert illi dan l-oggett, kien x'kien verament, ittiehed mill-atturi .**

**Nigu ghalhekk issa ghall-problema l-aktar difficli li ghandha l-Qorti quddiema f'din il-kawza, u cioe' l-interpretazzjoni ta' dik il-parti tal-ftehim raggunt bejn il-kontendenti dwar il-kwistjoni jekk it-*tender boat* kienitx inkluza fil-bejgh . Fl-iskrittura ta' bejgh relattiva (Dok. A) jinghad testwalment illi l-bejgh tal-lanca kien qed isir "bil-permessi, licenzji, attrezzi tas-sajd, magni u affini" .**

**L-atturi jikkontendu illi ghalkemm din id-dghajsa ma ssemmitx specifikament fl-iskrittura, kienet inkluza fil-bejgh bhala "affini" tal-lanca . Infatti l-attrici sostniet illi meta kienu ghand in-nutar fl-okkazzjoni tal-bejgh tal-lanca, semghet lil mart il-konvenut issaqsi lil zewgha jekk il-*tender boat* kienitx inkluza, u dan wegibha fl-affermattiv (a fol. 72 tal-process) . Dan id-diskors bl-ebda mod ma gie kontradett mill-konvenuti .**

**Il-konvenuti da parti taghhom jikkontendu illi l-kelma "affini" kienet tirreferi biss ghall-affini tal-magni u mhux ukoll ghat-*tender boat* li ma kellha x'taqsam xejn mal-bejgh . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, jiccita wkoll ir-regoli stabilit bl-artikoli 1009 u 1010 tal-Kodici Civili taghna f'kaz ta' dubbji illi jistghu jinholqu fl-interpretazzjoni ta' kuntratt . Permezz ta' dawn ir-regoli :**

**(i) id-dubbju ghandu jmur kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni; u**

**(ii) minkejjja li l-kliem uzat fil-ftehim ikun generali, ma jidhlux hwejjeg li fuqhom il-partijiet ma kellhomx hsieb jikkuntrattaw .**

**Sabiex jissostanzjaw it-tezi taghhom illi l-fregatina in kwistjoni ghandha titqies bhala affini tal-lanca li nbieghet u ghalhekk inkluza fil-bejgh, l-atturi jiccitaw l-artikolu 1398 tal-Kap. 16 li jistipula illi :**

**"Fl-obbligu tal-kunsinna tal-haga jidhol ukoll l-obbligu tal-kunsinna ta' l-accessorji u ta' dak kollu li ghandu jservi ghall-uzu ta' dejjem tal-haga nfisha" .**
**Dan l-artikolu huwa kwazi identiku ghal dak li kien jipprovdi l-artikolu tal-ligi civili antika taljana f'dan ir-rigward :**

**"L'obbligo di consegnare la cosa nello stato in cui si trovava al tempo della vendita comprende quello di consegnare i suoi accessorii e tutto cio' che fu destinato a perpetuo uso di essa" (art. 1471) .**

**Imma x'jista' tassew jitqies bhala accessorju jew li jservi ghall-uzu perpetwu ta' l-oggett principali, l-ligi ma tispecifikax . Il-gurista taljan Francesco Ricci jaccenna ghad-diffikulta' tal-legislatur li jikkontempla l-kazijiet kollha fejn jista' jkun hemm accessorjeta' . Fil-'Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile' (Vol. 2 Torino 1886, p 110) jghid illi :**

**"Il nostro legislatore ha considerato che molteplici e svariati sono i casi in cui puo' trattarsi di accessione mobiliare, e che prevederli tutti era ad esso impossibile . Di fronte ad un caso non contemplato, quale criterio rimarrebbe al magistrato ad applicare ?**

**Infatti jispjega kif il-gudikant ikollu hafna drabi jirrikorri ghall-principji ta' gustizzja naturali, u l-ligi taljana pprovdiet biss diversi regoli ta' gwida li jistghu japplikaw f'cirkostanzi partikolari :**

**"Rapporto al diritto d'accessione avente per obbietto beni mobili spettanti a piu' proprietari, l'artikolo 463 dispone che esso e' regolato di principii dell'equita' naturale . Aggiunge pero' che le disposizioni contenute negli articoli seguenti serviranno di norma al giudice per decidere nei casi non preveduti secondo le particolari circostanze."**

**Hekk ukoll awturi klassici ohra bhall-Laurant (Vol. VI . # 313) u l- Baudry-Lacantinerie (La Vendita e La Permuta Cap. VI # 330) jispjegaw kif hafna drabi trid issir referenza ghat-tradizjonijiet lokali u l-uzu .**

**Interessanti ferm ghas-soluzjoni ta' din id-diffikulta' huwa l-bran citat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom dwar kif jigi stabilit jekk haga ghandhiex titqies bhala accessorja ghal ohra .**

**"Il carattere accessorio di una cosa risulta da due elementi, uno obiettivo consistente nella creazione di un'unione esteriore colla cosa principale, e l'altro soggettivo, consistente nell'essere l'accessorio addetto durevolmente al servizio della cosa principale, cioe' all'esercizio, godimento o custodia sua" (Ramella: La Vendita nel Diritto Moderno Vol. I, #105) .**

**Rilevanti hafna wkoll ghall-kaz in ezami fejn ma tezistix unjoni, imma z-zewg oggetti jzommu l-individwalita' taghhom, huwa dak li awtur modern iehor taljan jiddefinixxi l-fenomenu giuridiku maghruf bhala "La Pertinenza" (A. Trabucchi : Istituzioni di Diritto Civile; Padova, 1998 # 162). Infatti huwa jaghti din id-definizjoni :**

**"La Pertinenza consiste nel legame non materiale ma solo economico e guridico, per cui una cosa, senza perdere affatto la sua individualita' e senza subire modificazioni e' destinata in modo durevole al servizio o all'ornamento di altra cosa . E' appunto tale destinazione di oggetti pur non materialmente legati che caratterizza la figura ; il legame pertinenziale sorge**

**nel momento della destinazione fatta in modo durevole …… Per aversi la pertinenza e' necessaria la volonta' del proprietario della cosa principale ; occorre che egli abbia la disponibilita' accessoria per poterla durevolmente destinare al servizio dell'altra."**

**U biex jenfasizza li "gli atti e i rapporti guiridici che hanno per oggetto la cosa principale comprendono anche le pertinenze" jindika appuntu bhala ezempju kif il-ligi taljana vigenti tesigi illi "…nella compravendita della nave si intendono comprese anche tutte le imbarcazioni, gli strumenti, gli arrendi, ecc. (art. 146 c. nav. )" .**

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, nsibu illi rrizulta mill-provi li t-*tender boat* jew fregatina in kwistjoni, l-konvenut kien ordnaha xi zmien wara li kien gia akkwista l-lanca tieghu, ghax l-ohra li kellu qabel kienet iggarfet fil-maltemp . Kien juzaha sabiex huwa u s-sajjieda tieghu mill-moll tax-Xlendi jilhqu l-lanca li kienet tkun ankrata 'l barra f'nofs il-bajja, fil-bnazzi . Ix-xhieda prodotti, kollha midhla sew tal-bajja tax-Xlendi u sajjieda li kienu jakkumpanjaw lill-konvenut meta kien johrog bil-lanca fl-istagun tal-lampuki, kkonfermaw kif din il-fregatina fis-sajf kienet tintuza primarjament ghal dak l-iskop . Infatti rrizulta wkoll illi ghal xi zmien wara l-bejgh, l-istess attur thalla jaghmel uzu simili minn din il-fregatina biex jitla' fuq il-lanca li kien xtara minghand il-konvenut . Minkejja li l-lanca kienet registrata ix-Xatt ta' l-Imgarr, fejn allura ma kienx ikun hemm ebda htiega ghall-fregatina, peress illi hemmhekk setghet facilment torbot mal-moll jew pontoon, huwa evidenti illi ghall-pratticita' fis-sajf il-lanca kienet tkun ta' spiss ankrata fil-bajja tax-Xlendi, fejn wara kollox il-konvenut kellu l-garage tieghu li fih kien jistiva l-attrezzi mehtiega ghas-sajd . Huwa minnu illi fix-xitwa l-konvenut kien juza l-istess fregatina "biex iqatta' siegha l-bahar" jistghad flimkien mat-tifel tieghu, meta l-lanca kienet tkun merfugha fuq l-art . Imma dan zgur illi ma kienx l-ghan ewlieni ghaliex il-konvenut kien bena din il-fregatina . L-uzu principali taghha kien minghajr dubbju biex iwassal lilu u l-*crew* tas-sajjieda tieghu sal-lanca, li fix-Xlendi ta' bilfors kellha tkun sorguta 'l barra mill-moll u f'nofs il-bajja .**

**Kredibbli wkoll dak li sostniet mart l-attur dwar id-diskors li ntqal fl-okkazzjoni li sar il-bejgh ghand in-Nutar, li l-konvenut fil-fatt kien rassenjat illi l-fregatina kellha tmur mad-dghajsa . Infatti dak li qalet fis-sens illi l-konvenut ikkonsla ruhu li l-attur ma kienx ser izommu milli jibqa' jaghmel uzu minnha f'kaz ta' bzonn, gie korroborat bil-fatt illi ghal xi zmien wara l-bejgh, sew l-attur u kemm il-konvenut lahqu nqdew bl-istess fregatina .**

**Hemm ukoll fattur iehor importanti tal-prezz involut f'dan il-bejgh . Ic-cifra li rrizultat li attwalment giet miftehma bhala konsiderazzjoni, cioe' s-somma ta' hmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) ma kienitx xi haga insinjifikanti . Imma b'dak il-bejgh il-konvenut kien qed jiddisponi min-negozju kollu tieghu ta' sajjied professjonali . Infatti rrizulta illi l-*crew* li kellu l-konvenut, fl-istagun ta' wara l-bejgh, mar kollu ma' l-attur . Ghalhekk ukoll inbieghu l-attrezzi kollha tas-sajd flimkien mad-dghajsa, inkluza allura l-fregatina .**

**Sinjifikanti wkoll fid-dawl ta' dak li jghidu l-awturi klassici ccitati hawn fuq dwar l-uzu u t-tradizzjoni . Huwa maghruf bizzejjed fil-kamp marittimu illi bicciet tal-bahar imdaqsin dejjem ifittxu li jkollhom l-facilita' ta' l-uzu ta' dghajsa zghira attrezzata b'mutur jew imqadef ghal manuvrabilita' ahjar u ghall-emergenzi . It-terminologija "tender-boat" uzata miz-zewg nahat fil-kawza, tfisser appuntu "a vessel attending larger one to supply her with stores, convey orders, etc." (Concise Oxford Dictionary) .**

**F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi din il-fregatina ma tistghax ma titqiesx bhala accesorja tal-lanca mibjugha mill-konvenut lill-attur, intiza sabiex fi kliem il-ligi "sservi ghall-uzu ta' dejjem tal-haga nfisha", fil-kaz taghna l-istess lanca, u ghalhekk m'ghandu jkun hemm ebda dubbju illi din giet inkluza fil-bejgh tat-12 ta Settembru 1994 .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi ,**

**(a) ghal dawk li jirrigwarda c-citazzjoni :**

**(i) tiddikjara illi nkluz fil-bejgh indikat kien hemm it-tender boat fil-pussess tal-konvenuti, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex zmien gimgha jghaddu l-istess tender boat lill-atturi ;**
**(ii) tawtorizza lill-atturi jigbru minghand l-avukat Dottor Anton Refalo s-somma ta' tliet mija tmienja u ghoxrin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm328.75), depozitati f'idejh bhala rikavat mill-bejgh tac-cimi li suppost kienu nkluzi fil-ftehim bejn il-kontendenti; u**

**(b) ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, tordna lill-atturi jaghtu lura lill-konvenuti l-magna ndebitament mehuda mill-garage taghhom .**

**It-talbiet rigward l-oggetti l-ohra ndikati, sew da parti ta' l-atturi kif ukoll mill-konvenuti, billi ma rrizultawx gustifikati, huma michuda .**

**L-ispejjez tal-kawza u tal-kontro-talba, fic-cirkostanzi tal-kaz, u partikolarment minhabba d-diffikulta' fl-interpretazzjoni tal-ftehim raggunt bejn il-kontendenti, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejniethom .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S2896Pc